25.4.2016

B8-0488/2016 }
B8-0489/2016 }
B8-0490/2016 }
B8-0491/2016 }
B8-0492/2016 }
B8-0493/2016 } RC1/Em. 1

**Emenda 1**
**Anna Záborská**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Attakki fuq sptarijiet u skejjel bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi xi gruppi armati jopponu l-edukazzjoni sekulari u dik tal-bniet, jew li l-bniet jiġu ttrattati minn persunal mediku tas-sess maskil, u għalhekk dan jostakola l-aċċess għal dawn is-servizzi; billi klima ġenerali ta' nuqqas ta' sigurtà minħabba kunflitt tipprevjeni wkoll lit-tfal, lill-għalliema u lill-persunal mediku milli jattendu l-iskola jew ifittxu assistenza medika; billi n-nisa u t-tfal jiffaċċaw riskji aktar akuti minħabba l-ispostament u minħabba l-kollass tal-istrutturi normali ta' protezzjoni u appoġġ; billi d-dritt umanitarju internazzjonali jirrikjedi li l-kura medika kollha meħtieġa tiġi pprovduta mingħajr diskriminazzjoni lill-bniet u n-nisa stuprati fil-gwerra; | L. billi xi gruppi armati jopponu l-edukazzjoni sekulari u dik tal-bniet, jew li l-bniet jiġu ttrattati minn persunal mediku tas-sess maskil, u għalhekk dan jostakola l-aċċess għal dawn is-servizzi; billi klima ġenerali ta' nuqqas ta' sigurtà minħabba kunflitt tipprevjeni wkoll lit-tfal, lill-għalliema u lill-persunal mediku milli jattendu l-iskola jew ifittxu assistenza medika; billi n-nisa u t-tfal jiffaċċaw riskji aktar akuti minħabba l-ispostament u minħabba l-kollass tal-istrutturi normali ta' protezzjoni u appoġġ; billi d-dritt umanitarju internazzjonali jirrikjedi li l-kura medika kollha meħtieġa tiġi pprovduta mingħajr diskriminazzjoni lill-bniet u n-nisa stuprati fil-gwerra; ***billi n-nisa jiżvolġu rwol ċentrali fil-familja, l-ewwel linja ta' għajnuna u protezzjoni, billi jiksbu s-sokkors tas-servizzi ta' assistenza, jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati għas-sopravivenza tal-membri tal-familja u jimmaniġġjaw ir-rilokazzjoni temporanja***; |



Magħquda fid-diversità

Or. en